Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,305, 4 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 310 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts, ippubblikati bħala Avviż Legali 369 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Is-sottoparagrafu (ċ) li ġej għandu jiżdied wara s-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(ċ) ikollhom l-MCAST-BTEC Extended Diploma fl-Arts and Design jew fil-Creative Media Production, flimkien ma' ċertifikat fil-Livell Avvanzat bi grad Ċ jew aħjar f'wieħed minn dawn is-suġġetti li ġejjin: il-Filosofija, l-Information Technology, l-Ingliż, l-Istorja, il-Komunikazzjoni Grafika, il-Marketing u s-Soċjoloġija, jew suġġett meqjus bħala ekwivalenti mill-Bord, flimkien ma' ċertifikati fil-Livell tas-SEC bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, il-Matematika u l-Malti; jew"

4. Is-sottoparagrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala s-sottoparagrafu (d).